ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Primarji 2016

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI<br>(Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Istudenti

L-isem u l-kunjom: ______________________________ Il-klassi: _________

| Il-Marki |
|---|
| Il-Fehim mis-Smigħ |
| ________<br>20 marka |

*Kull tweġiba tajba tingħata marka.*

**Taħriġ A**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba.**

**1.** F'din is-silta qed jitkellem dinosawru.

VERU ☐ FALZ ☐

**2.** Il-fdalijiet tad-dinosawri jissejħu fosos.

VERU ☐ FALZ ☐

**3.** Dan id-dinosawru għadu ħaj.

VERU ☐ FALZ ☐

**4.** Il-Mużew Nazzjonali tad-Dinosawri jinsab l-Amerka.

VERU ☐ FALZ ☐

**5.** Id-dinosawri għexu fil-kontinenti tad-dinja kollha.

VERU ☐ FALZ ☐

**6.** Il-kelma 'dinosawru' tfisser gremxula twajba.

VERU ☐ FALZ ☐

**Taħriġ B**

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**1.** Id-dinosawri kienu:

**a)** jgħixu fl-ilma.

**b)** itiru fis-sema.

**ċ)** jgħixu fuq l-art.

**2.** L-akbar bajda tad-dinosawri nstabet:

**a)** iċ-Ċina.

**b)** il-Kanada.

**ċ)** l-Awstralja.

**3.** Dinosawru seta' jitwieled:

**a)** b'żewġ saqajn.

**b)** b'erba' saqajn.

**ċ)** b'żewġ saqajn jew b'erbgħa.

**4.** Dawk li kellhom żewġ saqajn kienu:

**a)** anqas b'saħħithom.

**b)** jiġru aktar.

**ċ)** jiġru anqas.

**5.** Ix-xewk kien:

**a)** jipproteġihom mill-għadu.

**b)** jagħtihom aktar saħħa.

**ċ)** jipproteġihom mill-kesħa.

**6.** Xi wħud kellhom denb twil biex:

**a)** jiġru aktar.

**b)** jimxu bil-mod.

**ċ)** iżommu l-bilanċ meta jiġru.

**Taħriġ Ċ**

**Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.**

**1.** Ix-_______________ għadhom ma jafux x'kien il-______________ tal-ġilda tad-dinosawri.

**2.** L-ebda _________________ ma għex fiż-_________________ li fih għexu d-dinosawri.

**3.** Skont Darjo, id-dinosawri għandhom _________________ li ma jista' jkun jafu ħadd.

**Taħriġ D**

**Agħżel it-tifsira t-tajba skont is-sens tas-silta billi taqta' sinjal taħtha.**

**1.** Fis-silta nisimgħu li t-titlu 'dinosawru' **xejn ma kien idoqq għal widnejn** Darjo.
Din l-espressjoni tfisser li:

**a)** ma kienx jaf xi jfisser.
**b)** kien jogħġbu.
**ċ)** ma kienx jogħġbu.

**2.** Fis-silta nisimgħu lil Darjo jgħid li **xkora vojta ma tiqafx.**
Dan il-qawl ifisser li:

**a)** bil-ġuħ ma tirraġunax u ma taħdimx.
**b)** xkora li tkun fl-art tibqa' mitluqa hemm.
**ċ)** bil-ġuħ xorta waħda tista' taħdem.

**3.** Darjo jgħid ukoll li x-xjentisti se jibqgħu **b'xiber imnieħer.**
Din l-espressjoni tfisser li:

**a)** għandhom imneħirhom żgħir.
**b)** se jibqgħu ma jiskoprux il-verità.
**ċ)** ixommu ħafna.

**- Tmiem il-Karta -**